MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Rikors Numru. 83/2003/1

Christopher Falzon

-vs-

Gordon West

Il- Bord,

Ra ir- rikors ta’ Christopher Falzon fejn jesponi b’ rispett:

Illi huwa jikri l- fond li ufficjalment jgib l- isem ta’ ‘St. Paul’ fi Triq Mater Boni Consigli f’ Hal Tarxien lil intimat bil- kera ta’ Lm 75 (hamsa u sebghin Lira Maltija) pagabbli kull tliet xhur bil- quddiem, u l- ahhar skadenza 31 ta’ Ottubru 2003.

Illi ghalkemm l- intimat gie interpellat f’ zewg okkazjonijiet separati sabiex ihallas il- kera dovut ghall- perjodu 1 ta’

Ottubru 2000 sa 31 ta’ Gunju 2003 u 1 ta’ Lulju 2003 sa 31 ta’ Ottubru 2003 huwa baqa’ inadempjenti.

Illi dan in- nuqqas da parti ta’ l- intimat jikkostitwixxi raguni valida fil- Ligi sabiex ir- rikorrenti jirriprendi l- pussess tal-fond mghoddi lil intimat b’ kera kif aktar il- fuq indikat.

Ghaldaqstant l- esponent jitlob bir- rispett li dan il- Bord joghgbu illi ghar- ragunijiet premessi jawtorizzah illi jirriprendi l- fond hawn fuq indikat u dan f’ perjodu qasir u perentorju li dan il- Bord joghgbu jistabilixxi.

Bl- ispejjez kontra l- intimat.

Ra li l- intimat debitament notifikat la deher u lanqas ressaq risposta.

Ra d- dokumenti esebiti minn fejn jirrizulta li saru zewg interpellazzjonijiet ghall- skadenzi differenti kif titlob il- ligi.

Ra l- art. 30 tal- Kap. 69 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Jilqa’ t- talba tar- rikorrenti u jawtorizzah jerga’ jiehu f’ idejh l- fond ‘St. Paul’, fi Triq Mater Bon Consigli, Hal Tarxien, ghall- ghan ta’ tkeccija jghati xahar zmien m’ illum; bl- ispejjez jithallsu mill- intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------